

**Rikors ippreżentat fis-7 ta' Novembru 2022 – Dr. Neumann & Kindler vs EUIPO – Laboratory Corporation of America Holdings (LabCorp)****(Kawża T-674/22)**

(2023/C 7/52)

Lingwa tar-rikors: il-Ġermaniż

**Partijiet**

**Rikorrent:** Dr. Neumann & Kindler GmbH & Co. KG (Bochum, il-Ġermanja) (rappreżentanti: T. Pfeifer u N. Gottschalk, avukati)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Proprietà Intellettuali tal-Unjoni Ewropea (EUIPO)

**Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:** Laboratory Corporation of America Holdings (Burlington, North Carolina, l-Istati Uniti tal-Amerika)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-EUIPO**

**Applikant għat-trade mark kontenzjuża:** il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

**Trade mark kontenzjuża kkonċernata:** applikazzjoni għat-trade mark figurattiva tal-Unjoni Ewropea LabCorp – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 15 174 774

**Proċedimenti quddiem l-EUIPO:** proċedimenti ta' oppożizzjoni

**Deċiżjoni kkontestata:** id-deċiżjoni tat-Tieni Bord tal-Appell tal-EUIPO tal-25 ta' Awwissu 2022 fil-Każ R 1998/2020-2

**Talbiet**

Ir-rikorrenti titlob li l-Qorti Ġenerali jogħġobha:

- tannulla d-deċiżjoni kkontestata;
- tikkundanna lill-EUIPO għall-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti Ġenerali tal-Unjoni Ewropea u lill-eventwali intervenjenti għall-ispejjeż tal-proċedimenti tal-appell quddiem l-EUIPO.

**Motiv invokat**

- Ksur tal-Artikolu 47(2) u (3) tar-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill.

**Rikors ippreżentat fid-9 ta' Novembru 2022 – Giuffrida vs L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew****(Kawża T-676/22)**

(2023/C 7/53)

Lingwa tal-kawża: it-Taljan

**Partijiet**

**Rikorrent:** Carmela Giuffrida (Catania, l-Italja) (rappreżentant: S. Petillo, avukat)

**Konvenut:** L-Uffiċċju tal-Prosekutur Pubbliku Ewropew